**26 ta' April, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.**

George Muscat

*versus*

Carmelo Zammit

**Azzjoni — Spoll — Kompetenza — Valur — Art. 46(3) tal-Kap. 15.**

*Biex tiġi fissata l-indoli ta' azzjoni li tiġi eżerċitata, wieħed għandu jħares mhux tant lejn il-kliem, imma lejn dak li sostanzjalment ikun ġie mitlub fiċ-ċitazzjoni, ċjoè il-fondament u l-oġġett tal-pretensjoni fiha dedotti.*

*Jekk in-natura tal-azzjoni tkun dik ta' spoll, il-Qorti Ċivili Inferjuri mhix kompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-kawża. Kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' kawża dwar spoll, bħala li tkun involuta kwistjoni ta' dritt anness ma' immobili, hija l-Qorti Superjuri, avvolja l-valur lokatizju tal-fond in kwistjoni huwa anqas minn £10.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li jippremetti illi hu jikri minn għand il-konvenut il-flat nru. 4 tal-appartament 174 St. Ursola Street, Valletta, bil-

kera ta' £16 fis-sena, u bil-patt, "inter alia", li l-konsum tal-ilma a favur tiegħu jkun a kariku u a spejjeż tal-konvenut; u illi f'dawn l-aħħar xahrejn il-konvenut, klandestinament, vjolentement u spontaneament, qata' l-provvista tal-ilma li hu kien ilu jgawdi għal żmien twil u sa mill-bidu tal-lokazzjoni, u b'hekk ikkommetta spoll vjolent għaddetriment tiegħu; jitlob illi, premessa kwalunkwe neċessarja dikjarazzjoni u provvediment opportun, il-konvenut, għar-raġunijiet fuq imsemmija, jiġi kundannat minn din il-Qorti jerġa jqiegħed lill-attur fl-istat li kien qabel ma ġie kommess l-ispoll, ċjoè fid-dgawdija tal-possessjoni tal-ilma kif oriġinarjament pattwit bejn il-partijiet. Salvi drittijiet u azzjonijiet oħra talvolta lilu kompetenti skond il-liġi. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

*Omissis;*

Ikkunsidrat, rigward il-preġudizzjali tal-inkompetenza tal-Qorti "ratione valoris", sollevata mill-konvenut;

Illi l-konvenut jissottometti li din il-kawża hija ta' kompetenza tal-Qorti Ċivili Inferjuri, għaliex id-domanda dedotta mill-attur tidderiva minn kondizzjoni tal-lokazzjoni, ċjoè minn pretiż nuqqas ta' osservanza ta' kondizzjoni tal-lokazzjoni da parti tal-konvenut, u kwindi minn kwistjoni ta' kondizzjoni tal-lokazzjoni, u l-kera tal-fond indikat fiċ-ċitazzjoni huwa ta' £4 kull tliet xhur, oltre li ma hemmx perijodu ta' lokazzjoni, imma jittratta sempliċement minn rilokazzjoni taċita;

Illi din is-sottomissjoni mhix sostenibbli. Għall-finijiet tal-preġudizzjali opposta mill-konvenut hu neċessarju li ssir l-indaġini dwar il-vera natura tal-azzjoni li qegħdha tiġi eżerċitata mill-attur. Ġie ritenut minn din il-Qorti li, biex tiġi fissata l-indoli tal-azzjoni li tiġi eżerċitata, wieħed irid iħares mhux tant lejn l-kliem, imma lejn dak li sostanzjalment ikun ġie mitlub fiċ-ċitazzjoni, ċjoè il-fondament u l-oġġett tal-pretensjoni fiha dedotti (Vol. XXXVII-II-776). Issa, fiċ-ċitazzjoni l-attur jiddeduċi bħala premessa dik ukoll li l-konvenut, klandestinament, vjolentement u spontaneament, qata' l-provvista tal-ilma li hu kien ilu "jgawdi" għal żmien twil u sa mill-bidu tal-lokazzjoni. Kwindi, ob-

bjett tal-azzjoni huwa l-pussess, id-dgawdija tal-provvista tal-ilma, li l-attur jgħid li kellu fil-fond u l-konvenut spoljah minnha. Konsegwentement, l-azzjoni esperita mill-attur hi dik ta' spoll, ta' indoli possessorja, billi għandha bħala fondament tagħha l-pussess ta' kwalunkwe xorta; ċjoè, b'din l-azzjoni l-attur, wara li allega l-fatti, qiegħed jitlob li jiġi mantenut jew reintegrat fid-dgawdija, fil-pussess tiegħu, tal-fond fuq imsemmi;

Illi, skond l-art. 46(3) tal-Kod. Proċ. Ċiv., mhumiex kompriżi fil-kompetenza tal-Qorti Ċivili tal-Maġistrati l-kawżi abbraċċjanti kwistjonijiet ta' proprijetà ta' beni immobili, servitù, piżijiet, jew drittijiet oħra annessi ma' immobili, għalkemm il-pretensjoni ma tkunx teċċedi £10. Kwindi, għalkemm jista' jkun veru li l-kera tal-fond indikat fiċ-ċitazzjoni jitħallas bil-mod kif jallega l-konvenut, hu ċert li l-kwistjoni nvoluta f'din il-kawża hija ta' dritt anness ma' immobili; u għalhekk teċċedi l-kompetenza tal-Qorti Ċivili Inferjuri;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tirrespinġi l-preġudizzjali tal-inkompetenza "ratione valoris" sollevata mill-konvenut, u konsegwentement tiddikjara ruħha kompetenti li tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża; bl-ispejjeż kontra l-istess konvenut. Il-kawża tiġi differita għad-9 ta' Mejju 1961 għall-kontinwazzjoni tagħha fil-meritu.